# IL-KODIĊI TA’ ETIKA

## Il-Kodiċi ta’ Etika għal dawk li għandhom il-Warrant

## (Kodiċi ta’ Etika għall-Inġiniera)

Kull persuna għandha valuri msawrin mill-ambjent tat-twemmin tiegħu, il-kultura li trabba fiha, u l-ambjent li għex fih. Dawn il-valuri jiddefinixxu l-prinċipji morali li fuqhom jibni ħajtu, u kwalunkwe deċiżjoni li huwa jieħu hija affettwata minn dawn il-prinċipji morali. Indirettament, dawn il-prinċipji morali huma għalhekk riżultat tal-karattru tal-persuna.

Il-mod kif is-soċjetà tħares lejn l-etika huwa għalhekk dipendenti ħafna fuq il-valuri morali tal-individwi li jifformaw il-komunità. Sussegwentement, il-mod kif wieħed jittratta d-dilemma tal-etika jista’ jvarja drammatikament minn komunità għal oħra u jħalli impatt fuq it-twaqqif u l-interpretazzjoni ta’ Kodiċi ta’ Etika.

Il-Kamra fittxet li tirregolarizza l-imġiba tal-membri tal-professjoni tal-inġinerija li kisbu l-warrant permezz tal-introduzzjoni ta’ Kodiċi ta’ Etika. Il-Kodiċi hija miktuba b’referenza għall-filosofiji kunċettwali wesgħin, li juru prinċipji ġenerali xierqa segwiti mix-xhieda tal-għarfien waqt l-eżerċitar tad-dmirijiet tagħhom. Huwa madankollu relevanti ħafna li nelenkaw li din il-Kodiċi ta’ Etika mhijiex speċifika għal sitwazzjonijiet. Għaldaqstant huwa essenzjali għal dawk li għandhom il-warrant, li mhux biss ifittxu gwida tal-Kodiċi imma wkoll tal-Kumitat ta’ Etika fi ħdan l-oqsma tal-Kamra, sabiex tinkiseb l-imġiba etika fi kwalunkwe dilemma tal-etika li jkollhom dubji kif ser jindirizzawha.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | IL-KODIĊI TA’ ETIKA | | |
| Reviżjoni | Data tal-Ħruġ | Data tar-Reviżjoni | Imħejji minn | Approvat mill- |
| | 20 ta’ Ottubru 2017 | | Il-Kumitat ta’ Etika tas-CoE | Kunsill |

©Chamber of Engineers – Code of Ethics

## 1. L-Għan tal-Kodiċi

L-Etika hija fergħa tal-filosofija li tiddefinixxi dak li huwa moralment tajjeb u ħażin f'sitwazzjonijiet speċifiċi. Għaldaqstant tistabbilixxi standards ta' mġiba korretta fi ħdan is-soċjetà. Peress li l-għan tagħha huwa l-iskambju armonjuż bejn il-persuni, tassenja dmirijiet u responsabbiltajiet lill-partijiet kollha involuti.

Filwaqt li l-kodiċi tikkonċerna l-aktar l-imġiba korretta ta' min għandu l-warrant lejn ħaddieħor u lejn l-ambjent ta' madwaru, tirrikonoxxi wkoll in-natura reċiproka tal-att li wieħed jagħti servizz. Għaldaqstant, filwaqt li jkun qed jagħti servizz, min għandu l-warrant huwa moralment ġustifikat li jistenna ritorn bilanċjat ħolisitiku.

## 2. Il-Kodiċi ta' Etika

Il-Kodiċi ta' Etika għal min għandu l-Warrant tindirizza erba' dmirijiet ewlenin, li huma:

Dmirijiet lejn

I. Is-Soċjetà;
II. Il-Professjoni;
III. Il-Kollegi;
IV. Min Iħaddem;

Ir-regoli huma mandatorji għal kulmin għandu l-Warrant peress li l-Kodiċi hija msaħħa b'Kapitlu 321 tal-Att tal-Professjoni tal-Inġinerija. Min għandu l-Warrant huwa suġġett għal azzjoni dixxiplinarja mill-Bord tal-Inġinerija jekk jinstab li jkun kiser il-Kodiċi. Il-Kodiċi tistabbilixxi regoli ta' mġiba sabiex jinkisbu objettivi komuni bħalma huma l-Objettiv tal-

I. kredibilità;
II. professjonaliżmu;
III. kwalità tas-servizz;
IV. kunfidenza pubblika.


©Chamber of Engineers – Code of Ethics

## 3. Ir-Regoli tal-Kondotta

a) Il-Kompetenza

Min għandu warrant irid:

I. iżomm il-kompetenza fl-ogħla livell. Din tinkiseb permezz ta’ proċess ta’ żvilupp professjonali kontinwu;

II. iżomm ruħu aġġornat mar-regolamenti relevanti;

III. jipprovdi opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali u etiku ta’ dawk l-inġiniera taħt is-superviżjoni tiegħu, inkluż inġiniera li għadhom qed jitħarrġu;

IV. jagħti servizzi u pariri biss fil-limitu tal-kompetenza tiegħu, u jista’ jaċċetta inkarigi barra mill-kompetenza tiegħu jekk ikunu restritti għal dawk il-fażijiet tal-proġett li jkun kwalifikat fihom. Il-fażijiet l-oħrajn kollha għandhom jitwettqu minn persuni adattament kwalifikati;

V. jikkopera ma’ oħrajn sabiex jitkattar it-trasferiment teknoloġiku fil-livelli kollha fi ħdan l-organizzazzjoni.

b) Il-Ħarsien tal-Ħajja Umana, il-Benessere u l-Ambjent

Min għandu l-Warrant irid:

I. jagħti importanza kbira lis-sigurtà, is-saħħa, u l-benessere tal-pubbliku;

II. jieħu passi raġjonevoli biex jevita l-ħela ta’ riżorsi naturali, ħsara lill-ambjent u t-trattament ħażin tal-annimali;

III. ma jiċċertifikax is-sigurtà, il-kwalità, u l-kredibilità ta’ kwalunkwe sistema ta’ inġinerija sakemm wieħed

a. ma jkunx personalment wettaq l-ispezzjoni neċessarja,

JEW


©Chamber of Engineers – Code of Ethics

b. ma jkunx ivverifika personalment l-ispezzjoni neċessarja li tkun twettqet minn persuni adattament kwalifikati. Il-verifika għandha tinkludi mill-inqas żjara waħda fuq il-post;

IV. Ma japprovax pjanti u/jew speċifikazzjonijiet li m'għandhomx disinn sikur jew li mhumiex favur l-ambjent, jew li jaħlu jew jeqirdu prodotti ta' ħila umana u l-industrija;

V. Jieħu l-passi kollha raġjonevoli biex jelenka l-periklu jekk wieħed jirrifjuta l-parir professjonali, u jirribatti tali rifjut billi jipprovdi evidenza pubblika jew inkella legalment aċċettabbli. Jekk wara li jkunu ttieħdu l-miżuri kollha minn min għandu l-warrant u r-rifjut jagħti lok li jista' jikkawża ħsara lill-partijiet terzi, min għandu l-warrant għandu mbagħad jirreferi l-każ lill-Pulizija u jinnotifika l-Bord kif inhu xieraq.

c) L-Integrità Personali

Min għandu l-warrant irid:

I. ma jassoċjax ruħu ma' persuni u organizzazzjonijiet ta' reputazzjoni ħażina;

II. jipprevedi li ismu ma jintużax f'attivitajiet li jistgħu ikunu frawdolenti jew diżonesti;

III. ikun fattwali, veritier, u jevita kummenti skorretti, li jiżgwidaw, jew esaġerati fil-kitbiet u l-preżentazzjonijiet kollha tiegħu;

IV. jevita kwalunkwe att li jippromwovi l-interessi personali a skapitu ta' oħrajn u tal-professjoni;

V. jevita serq ta' ideat;

VI. jirrikonoxxi l-ħidma tal-oħrajn;

VII. ikollu l-permess li jikkontribwixxi fil-mezzi tax-xandir, dment li fi kwalunkwe kontribuzzjoni ma jagħmel l-ebda riklam, jew joffri servizzi professjonali, jew jissolleċita xogħlijiet, jew jimplika kompetenza superjuri, jew juża lingwaġġ ta' tifħir


©Chamber of Engineers – Code of Ethics

għalih nnifsu. F'każ ta' dubju, min għandu l-warrant għandu jirreferi l-każ lill-Kumitat tal-Etika tal-Kamra tal-Inġiniera għall-gwida u l-interpretazzjoni.

d) Reklamar

Min għandu l-warrant irid:

I. jitħalla jirreklama b'mezzi li mhumiex meqjusin li jċekknu d-dinjità tal-professjoni. It-tagħrif li jingħata għandu jkun fattwali, u jinkludi l-isem ta' min għandu l-warrant jew tal-kumpanija, id-dettalji ta' kuntatt, il-kwalifiki, u l-kompetenza.

e) L-Imġiba mal-Kollegi

Min għandu l-warrant irid:

I. jevita ħsara b'mod imprudenti jew b'malizzja lir-reputazzjoni jew lix-xogħol ta' persuni oħrajn li għandhom il-warrant;
II. jevita kritika distruttiva lejn il-ħidma ta' persuni oħrajn li għandhom il-warrant;
III. jillimita lilu nnifsu għal evalwazzjoni fattwali jekk jissejjaħ sabiex jagħti opinjoni professjonali lejn ix-xogħol ta' kollegi tiegħu;
IV. ma jinvolvix lilu nnifsu f'kompetizzjoni inġusta ma' oħrajn.

f) Trasferimenti

Min għandu l-warrant u jaċċetta li jieħu post  persuni oħrajn bil-warrant irid:

I. jinnotifika immedjatament dan il-fatt lil dak li jkun qed jissostwixxi;
II. jaċċerta ruħu li mhemmx ħlasijiet pendenti dovuti lil dak li jkun qiegħed jiġi mibdul;
III. ikun intitolat għal spjegazzjoni għas-sostituzzjoni minn min kien hemm qablu;
IV. jagħti trasferiment raġjonevoli lil min ikun ser jeħodlu postu.


©Chamber of Engineers – Code of Ethics

g) Id-Dmirijiet lejn il-Klijenti u lejn min Iħaddem, u l-Kunflitti ta' Interess

Min għandu l-warrant irid:

I. jinforma lill-partijiet kollha interessati bi kwalunkwe kunflitt ta' interess;
II. jaġixxi bħala rappreżentant ta' fiduċja tal-klijenti tiegħu jew ta' min iħaddem;
III. jirrifjuta kumpens, finanzjarju jew kwalunkwe mod ieħor, mingħand aktar minn parti waħda għall-istess servizzi sakemm tali kumpens ma jkunx maqbul bejn il-partijiet kollha;
IV. jirrifjuta u ma jfittixx kumpens mingħand fornituri li jispeċifikaw il-prodotti tagħhom u /jew servizzi;
V. jinforma lill-klijenti tiegħu jew lil min iħaddmu li l-proġett propost ma jkunx vijabbli meta l-istudji juru dan;
VI. jagħmel qbil ċar mal-klijent jew ma' min iħaddmu f'każ ta' kwalunkwe drittijiet ta' propjetà intellettwali li joħorġu mill-involviment ta' min għandu l-warrant fi proġett qabel il-bidu tiegħu;
VII. ma jagħmilx użu mill-faċilitajiet tal-klijenti tiegħu jew ta' min iħaddmu sabiex imexxi l-prattika privata tiegħu mingħajr il-kunsens tagħhom.

h) Il-Kunfidenzjalità

Min għandu l-warrant irid:

I. iqis l-informazzjoni li jikseb waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala waħda kunfidenzjali;
II. ma jiżvelax informazzjoni jew sejbiet ta' kwalunkwe kummissjoni jew bord li tagħhom ikun membru, sakemm ma jkunx mitlub jagħmel dan bil-Liġi jew b'ordni tal-Qorti.



©Chamber of Engineers – Code of Ethics

i) Talbiet

Min għandu l-warrant:

I. ma jridx jittallab għax-xogħol b'mod skorrett, kemm direttament kif ukoll indirettament.

j) Diskriminazzjoni

Min għandu l-warrant irid:

I. jittratta b'mod ekwu u jippromwovi t-trattament indaqs ta' klijenti, kollegi, u ħaddiema sħabu, irrispettivament mir-razza, reliġjon, sess, orjentazzjoni sesswali, età, abbiltà fiżika jew mentali, stat taż-żwieġ jew familja, u oriġini nazzjonali.


©Chamber of Engineers – Code of Ethics